**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M.(Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgha, 26 ta' Marzu 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 60/2016 BS**

**Saviour u Rita konjuġi Sultana, Christine xebba Sultana, Jessica Muscat u Erica xebba Sultana**

**vs**

**Tarcisio Cremona**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi l-atturi huma proprjetarji ta' sit immobbli fi Triq ġdida fi Triq it-Tigrija, Xagħra, Għawdex. Illi l-konvenut huwa sid tal-proprjeta' adjaċenti.

2. Illi meta nħareg il-permess ta' żvilupp tal-proprjetajiet rispettivi l-partijiet ġew obbligati illi jnaddfu u jiffurmaw it-triq li kienet ser tiġi quddiem il-proprjetajiet rispettivi.

3. Illi filwaqt illi l-atturi għamlu l-parti tagħhom u naddfu u għamlu ix-xogħolijiet ta' formazzjoni tat-triq li kien hemm bzonn, il-konvenut ma għamilx il-parti tiegħu. Anzi minhabba l-inadempjenza tal-konvenut il-hajt tas-sejjieħ divizorju kellu jibqa' hemm.

4. Illi fis-17 ta' Gunju 2016 l-atturi ġew rinfaċċati b'Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq biex inaddfu l-ħajt li kien qed jimblokka t-triq, maħrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar, taħt minacca ta' multa għal kuljum ta' nuqqas. U għalhekk huma ġew kostretti illi jneħħu dan il-hajt kif kienu obbligati li jagħmlu u hekk ġiet iffurmata t-triq illi kull min kien intitolat inkluż l-atturi beda jagħmel uzu minnha.

5. Illi l-konvenut nhar is-6 ta' Awissu 2016 arbitrarjament qabad u reġa' bena hajt f'nofs dan it-triq b'mod illi xekkel il-passaġġ illi kienu qed igawdu l-atturi minn din it-triq. Illi l-konvenut ħa l-liġi f'idejh meta għall-pretensjoni tad-dritt tiegħu reġa' bena dan il-ħajt arbitrarjament.

6. Illi l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi li llum ma jistgħux juzaw din it-triq kif intentat.

7. Illi din il-kawża ta' spoll qed issir mill-atturi kollha u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-attur Saviour Sultana li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi meta reġa' bena hajt fi triq ġdida fi triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex, b'mod li ostakola l-passaġġ liberu ta' l-atturi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss ineħħi l-imsemmi ħajt.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas li l-konvenut jaderixxi ruħu ma' l-ordni tal-Qorti konsegwenti t-tieni talba jagħmlu x-xogħlijiet rikjesti huma a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kollha nkluża Vat u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut illi eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament din il-kawża saret intempestivament u dan stante li fl-ebda mument l-eċċipjenti ma ġie avviċinat permezz ta' att ġudizzjarju qabel ma sar jaf b'din il-kawża;

2. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża u kwindi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

3. Illi l-atturi jew min minnhom iridu jippruvaw illi għandhom ir-rekwiżiti essenzjali kollha ta' l-*actio spolii* u dan inter alia a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jirriżulta illi fil-meritu l-azzjoni prezenti ntavolata mill-atturi tirrazenta l-abbuz ta' proċess ġudizzjarju in kwantu l-istess atturi għagglu (u għalhekk l-anqas biss għamlu ebda nterpellazzjoni preċedenti kif suppost) biex ippreżentaw l-istess bl-uniku skop li jgħattu xturhom, u f'attentat biex jiddevjaw l-attenzjoni ġudizzjarja lil 'hinn mill-azzjonijiet illegali w abbuzivi tagħhom stess, kif jista' wkoll jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. Illi fi kwalunkwe każ il-konvenut ma kkommetta l-ebda spoll;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat li din il-kawża ġie assenjata lilha wara li kienet tħalliet għas-sentenza mill-Qorti kif diversament ippreseduta.

Rat l-atti kollha tal-kawża kif ukoll il-provi kollha esebiti fl-atti;

Wettqet aċċess fuq is-sit nhar id-29 ta' Jannar, 2021 u dak inhar stess il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Marzu, 2021.

**Ikkunsidrat**

**Fatti:**

Din hija kawża ta' spoll privileġġat intavolata mill-atturi li qegħdin jitolbu li jiġu ripristinati fit-tgawdija ta' Triq ġdida fi Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex.  Huma jgħidu li huma proprjetarji ta' sit immobbli fi Triq ġdida fi Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex.

Minn naħa l-oħra l-konvenut wkoll huwa proprjetarju ta' sit immobbli fl-istess Triq ġdida fi Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex.  Iz-zewġ proprjetajiet huma faċċata ta' xulxin mifrudin bit triq ġdid li dwarha hemm l-ilment.

Jirriżulta li it-triq mertu tal-kawża ma kenitx triq minn dejjem izda qabel kienet sqaq dejjaq. Il-konvenut jghid li huwa kien akkwista l-proprjeta' tiegħu bil-permessi tal-bini u meta ddeċieda li jibda x-xogħol fuq is-sit tiegħu huwa kien mar ikellem lil Louis Refalo li kien il-predeċessur fit-titolu tal-atturi, fejn issuġġerielu li jwessgħu dan l-isqaq. Louis Refalo pero ma riedx iwessa l-isqaq.  Minhabba f'hekk il-konvenut kellu permezz tal-proċedura ta' espropreju fuq talba ta' terza persuna jakkwista  parti mill-proprjeta' ta' l-imsemmi Louis Refalo. L-espropreju

kien ta parti minn quddiem tal-isqaq in kwistjoni li m'hijiex il-parti in kontestazzjoni llum bejn il-partijiet. Filwaqt li l-kuntratt mal-Kummissarju ta' l-Artijiet sar fil-21 ta' Lulju, 1995[1], l-esporoprazzjoni saret permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 12 ta' Gunju, 2008[2] . Waħda mill-kundizzjonijiet fil-kuntratt ġia msemmi kienet li l-konvenuti kellhom a spejjeż tagħhom jiffurmaw it-triq sa nofs il-wisgħa tagħha[3].

Mill-atti jirriżulta li fuq il-proprjeta' tal-konvenut Tarcisio Cremona kienu nħargu diversi permessi ta' żvilupp u tiġdid tal-permessi b'dawn ikunu PB5336/89; PA/919/96; PA/2348/15 u PA/4531/15. Minn naħa l-oħra fuq il-proprjeta' ta' l-atturi kienu wkoll inħargu xi permessi ta' żvilupp b'dawn ikunu PA/5880/08 u PA/00036/12. Waħda mill-kundizzjonijiet f'dawn il-permessi kienet li fejn it-triq ma kinitx iffurmata din kellha tinfetaħ qabel ma jibda l-izvilupp. Jirrizulta wkoll li l-wisgħa tat-triq tiġi stabbilita mill-Awtorita ta' l-Ippjanar[4].

Mill-provi mressqa mill-partijiet irriżulta li kull parti fil-kawża wettqet l-izvilupp fuq is-sit tagħha, izda minkejja dan it-triq, li l-wisgħa tagħha kien ġie determinat mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, baqgħet qatt ma ġiet iffurmata u dan kontra dak meħtieg fil-permessi u mil-liġi[5]. Riżultat ta'

[1] Fol 17 sa 18 tal-proċess
[2] Fol 21 sa 23 tal-proċess
[3] Para v a fol 18 tal-proċess
[4] Xhieda Mario Azzopardi, seduta tal-31 ta' Ottubru, 2017, a fol.172 tal-proċess
[5] A fol 82 sa 83 tal-proċess

dan in-nuqqas da parti taz-zewġ partijiet fil-kawża nħargu zewġ avviżi ta' twaqqif u ta' twettiq kontrihom[6].

Jirriżulta li l-konvenut, wara li rċieva l-avviż imsemmi għażel li jifforma t-triq, in-nofs tiegħu[7] u riżultat ta' dan, l-avviż ġie mneħħi.

> L-atturi minn naħa tagħhom wkoll kellhom iwittu t-triq. Mill-provi jirriżulta li x-xogħolijiet da parti ta l–atturi kienu saru[8]. Permezz tax-xogħolijiet intraprizi mill-atturi dawn kienu fetħu l-aċċess għalll-garaxx propjeta' tagħhom. Jirriżulta wkoll li billi l-atturi kienu għamlu x-xogħol mistenni minnhom imbagħad l-Awtorita' tal-Ippjanar għalqet il-proċess skattat bl-avviż tat-twettieq u nfurmat lill-atturi b'dan[9].

Wara li l-atturi lestew ix-xogħol imbagħad seħħ l-allegat att spoljattiv mill-konvenut Tarcisio Cremona li malli ntebaħ li l-ħajt tas-sejjieħ li kien jinsab bejn wieħed u ieħor fin-nofs tat-triq tneħħa, bl-għajnuna ta' wliedu Josef u Jason aħwa Cremona[10] għamlu hajt tal-kantun għar-rasu li jestendi diversi metri tul din it-triq ġdida[11].

[6] A fol 87 u 88 tal-proċess
[7] A fol 86 tal-proċess
[8] Ritratti esebiti a fol 92 tal-process
[9] Ittra datata 29 ta' Lulju, 2016, a fol 29 tal-process
[10] Xhieda Jason Cremona, seduta 31 ta'Ottubru, 2017, a fol 197 tal-process
[11] Ritratt a fol 93 tal-process

L-atturi jilmentaw li l-aġir da parti tal-konvenut jammonta għall-azzjoni ta' spoll. Mill-banda l-oħra l-konvenut Tarcisio Cremona jilqa' għal dan l-argument billi jinsisti li għamel il-ħajt tal-kantun għar-rasu għax il-ħajt tas-sejjieħ u l-art li minnha tneħħa l-ħajt tas-sejjieħ kienu proprjeta' tiegħu u għalhekk meta l-konvenuti hattew il-ħajt tas-sejjieħ kienu huma li kienu qed jikkomettu spoll fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar in segwitu għal dak illi għamel il-konvenut harġet avviż ta' twettiq ġdid fil-konfront tiegħu[12] talli għamel filata ġebel bil-kantun li kienet tmur oltre l-linja uffiċjali tal-bini. Il-Qorti tinnota li mill-proċess ma jirrizultax li dan l-avviż ta twettieq ġie mneħħi mill-Awtorita'.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Dritt.**

Illi Emidio Pacifici Mazzoni fil-Volum III, Sezzjoni 52 iddefinixxa l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin bhala:

'*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*'.[13]

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** deċiża fit-12 ta' April 1958 stqarret kif isegwi:

[12] A fol 94 tal-process
[13] Emanuel Falzon et -vs- Michael Vella et deċiża nhar il-10 ta' Ottubru 2011.

*'L-"actio spolii" hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kawża ta' spoll hija regolata bl-Artikolu 535 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

*'(1) Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Illi bazikament minn hawn johorġu t-tliet (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privileggat tirnexxi, u ċioe':

i. ***Actor docere debet possedisse*** – il-pussess;

ii. ***Spoliatum fuisse*** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

*iii.* ***Infra bimestre deduxisse*** – li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll.

<u>**Actor docere debet possedisse**</u>

Għar-rigward l-element tal-pussess ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Alfredo Delia -vs- Bonaventura Schembri et** deċiza nhar l-4 ta' Frar, 1958 kif isegwi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbili jew immobili, li tigi vjolentement jew okkultament mehuda minghand il-possessur jew detentur; u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi-pussess tad-drittijiet reali; u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati. F'azzjoni ta' din in-natura mhumiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji, u ghall-"actio spollii" l-ispoljant ma jistax jirrispondi, "in difesa", li dak li ghamel kien att legittimu; ghaliex l-indagini tal-legittimita jew le hija rizervata lill-gudizzju pettitorja.'*

In aggunta rigward l-element tal-pussess il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Annetto Xuereb Montebello et -vs- Paolina Magri et** deċiża nhar id-19 ta' Gunju, 1953 għamlet ampja referenża għall-ġurisprudenza Taljana kif isegwi:

*'Non è possesso giuridicamente reintegrabile quello che emana da una semplice concessione del proprietario – Cassazione Roma – 23 Giugno, 1905, Santucci vs. Di Francesco;*

*Non ricorre quel possesso di fatto che da diritto alla protezione mediante l'azione di reinterga ogni qualvolta il preteso spogliato abbia il godimento di un vantaggio basato sulla semplice tolleranza del preteso spogliatore – Cassaz. Di Torino – 17 ta' Dicembru 1907, Macone vs. Guglielmino;*

*Non puo agire in reintegra del possesso di un diritto di passaggio chi tale possesso ha sempre esercitato per mera tolleranza del vicino e chiedendogliene permesso – Cassazione di Torino – 15 ta' Dicembru, 1908, Lunghi vs. Miglioati, kif citati fil-Fadda, Art. 695/697 (Vol. XXXVII, P.I, p.280)'.*

Fil-każ odjern l-konvenut qiegħed ħajt tal-kantun ta' qies ta' filata sabiex jirrimpjazza ħajt tas-sejjieħ li tneħħa mill-atturi. Jirriżulta mill-atti li t-tneħħija tal-ħajt tas-sejjieħ mill-atturi kien riżultat ta' enforcement order li ħarġet l-Awtorita' tal-Ippjanar bir-referenza EC/00343/16, u mhux riżultat ta' azzjoni llegali u arbitrarja. L-atturi jikkontendu li mill-mument li huma neħħew il-ħajt tas-sejjieħ u wittew it-triq huma kellhom il-pussess ta' din it-triq partikolarment għax anki ġew f'pozizzjoni li juzaw il-garaxx tal-propjeta' tagħhom li qabel ma tneħħa l-ħajt tas-sejjieħ ma kienx aċċessibbli bil-vetturi. L-atturi jargumentaw li meta l-konvenut ftit ġranet wara s-6 ta' Awwissu, 2016, poġġa l-knaten għal rashom fit-triq huwa kkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu tagħhom billi ċaħħadhom mill-pussess u t-tgawdija tal-imsemmija triq[14].

Illi huwa magħruf li għall-azzjoni ta' spoll privileġġat bizzejjed li l-persuna tkun '*…mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun…*'[15] Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Rev. Kan. Salvatore Ellul pro et noe -vs- Kan Primicerju Giuseppe Farrugia**[16] deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Frar, 1953 ingħad li:

[14] Ara xhieda ta Stephen Muscat a fol 305 sa 311 tal-proċess
[15] Artikolu 535 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Kollezzjoni deċizjonijiet XXXVII. ii. 642.

*'Ghall-azzjoni ta' spoll hu bizzejjed li l-persuna spoljata tigi mnezza' mill-pussess, "ta' liema xorta jkun." U dan jinghad mhux biss ghan-natura tal-pussess, imma anke ghaz-zmien.* ***Anke pussess qasir hafna, u sahansitra pussess momentaneu huwa bizzejjed, biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll;*** *b'mod li f'kaz ta' attur li jippretendi li sofra spoll billi fir-rikostruzzjoni ta' bini mwaqqa' nbena hajt divizorju li fih infethu twieqi jew aperturi ohra li jaghtu ghal fond tieghu, li huwa jippretendi li qabel ma kienux jezistu, mhux necessarju li l-attur jipprova li huwa ilu jipposjedi l-fond minghajr l-ezistenza ta' dawk l-aperturi ghal tletin sena, imma hu bizzejjed li jipprova li f'xi zmien dawk l-aperturi nfethu mentri qabel ma kinux hemm.' (enfazi mizjuda mill-Qorti)*

Illi għalhekk fid-dawl ta' dan l-insenjament l-element tal-pussess fil-kawża odjerna ġie ppruvat.

<u>**Spoliatum fuisse**</u>

Dwar l-element ta' l-spoliatum fuisse, ġie ritenut fil-kawża **Joseph Baldacchini -vs- Emanuel Falzon Fava** deċiża fit-22 ta' April 1998 li

*'Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi.'*

Fil-ktieb tiegħu **Istituzioni di Diritto Civile**,[17] l-awtur **Emidio Pacifici Mazzoni** ddefinixxa '... bi vjolenza' bhala '*... qualunque atto arbitrario che*

[17] E. Pacifici Mazzoni, *Istituzioni di Diritto Civile*, Volume III (Firenze 1873).

*per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato.'* Din id-definizzjoni ġiet diversi drabi adottata mill-Qrati tagħna fosthom fil-kawża **Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Jannar, 1958 fejn il-Qorti qieset spoll vjolenti bhala:

*'...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ...'.*

Jirriżulta fuq ammissjoni tal-istess konvenut li huwa arbitrarjament qabad u għamel il-knaten l-għaliex jargumenta li l-ħajt tas-sejjieħ huwa tiegħu u l-knaten poġġihom fejn kien il-ħajt[18].

Fic-ċirkostanzi din il-Qorti tqis ukoll li dan l-element ġie suffiċjentement ippruvat.

**<u>Infra bimestre deduxisse</u>**

Illi jifdal għalhekk ezami tal-element tat-terminu ta' xahrejn. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Trevor Arends et -vs- Veronica Mizzi** ta' nhar il-11 ta' Jannar 2013 dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

> *'… dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-*

[18] Are xhieda tal-konvenut a fol 273 sa 274 tal-proċess

*artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Alfred Paul Farrugia nomine -vs- Peter Paul Cutajar** deċiża fit-13 ta' Frar 2004 irriteniet illi:

*'Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix pruvat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi.'*

Aktar speċifikatament fil-kawża bl-ismijiet **Georgina Borg -vs- Errol Cassar et** deċiża nhar il-21 ta' Ottubru, 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili dwar it-terminu ta' xahrejn fl-azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu t-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.*

Jirriżulta mill-atti li l-ħajt tas-sejjieħ kien ġia tneħħa sal-11 ta' Lulju, 2016[19] l-għaliex dakinhar tal-11 ta' Lulju, 2016 saret spezzjoni fuq il-post mill-uffiċjali tal-Awtorita' tal-Ippjanar u nstab li l-ħajt tas-sejjieħ kien ġie mneħħi.

[19] Ara xhieda ta Gordon Grech a fol 64 sa fol 81 tal-proċess

Illi meta mbagħad fis-6 ta' Awwissu, 2016 il-konvenut Tarcisio Cremona mar fuq il-post u sab li l-ħajt tas-sejjieħ tneħħa, huwa kien pront għamel ħajt iehor tal-kantun fil-post fejn kien il-ħajt tas-sejjieħ.

Jirriżulta li l-kawża ġiet intavolata fit-18 ta' Awwissu, 2016 għalhekk fit-terminu ta' xahrejn.

Għaldaqstant dan l-element ġiet ukoll ippruvat.

**Eċċezzjoni ta' intempestivita:**

Illi dwar l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-kawża, din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha ma taqbilx li l-kawża ġiet intavolata ntempestivament. Barra minn hekk in vista li hawn si tratta kawża ta' spoll, fejn il-liġi timponi terminu ta' dekadenza ta' xahrejn sabiex tiġi ntavolata l-kawża, din l-eċċezzjoni ma tirriżulta bl-ebda mod pruvata.

**Deċizjoni:**

Għaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Tarcisio Cremona tilqa' t-talbiet ta' l-atturi billi :

(i) Tiddikjara illi l-konvenut Tarcisio Cremona ikkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi meta reġa' bena hajt fi triq ġdida fi triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex, b'mod li ostakola l-passaġġ liberu ta' l-atturi.

(ii) Tikkundanna lill-konvenut Tarcisio Cremona sabiex f'terminu ta' xahar mil-lum ineħħi l-imsemmi ħajt u fin-nuqqas li jagħmel dan tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu x-xogħlijiet rikjesti huma a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera kopja

Għar-Reġistratur